# €4,378 għal Foresta 2000

Fis-sena skolastika li għaddiet, it-tfal tal-iskola ġabru €4,378 sabiex BirdLife Malta tkun tista' tkompli tieħu ħsieb Foresta 2000. Biex tirringrazzja lit-tfal u l-familji tagħhom, BirdLife Malta organizzat ġurnata attivitajiet f'dan il-post sabiħ.




Dinja Waħda

# Żur ir-riservi naturali

BirdLife Malta tieħu ħsieb ir-riservi naturali tas-Simar u l-Għadira. Titħajjar iżżurhom mal-familja? Id-dħul hu b'xejn.

Ħinijiet tal-ftuħ:

l-Għadira: is-Sibt u l-Ħadd mill-10am sal-4pm

is-Simar: il-Ħadd biss mill-10am sal-4pm

Iż-żewġ riservi naturali jibqgħu miftuħin sal-aħħar ta' Mejju.

Dinja Waħda

# Felċi ġdida

Fl-Amerka Ċentrali nstabet pjanta ġdida mir-razza tal-felċi, li tixbah lill-kostum li libset Lady Gaga fl-Annual Grammy Awards. Għalhekk ix-xjenzati semmewha għal din il-kantanta famuża u l-fans tagħha, li hi ssejħilhom 'mostri żgħar. L-isem tal-pjanta hu *Gaga monstraparva*.





Dinja Waħda

# Arja mniġġsa



Nofs in-nies li hawn fid-dinja qegħdin jieħdu n-nifs minn arja mniġġsa mill-ħruq taż-żejt u l-faħam. L-arja mniġġsa tagħmel ħafna ħsara fl-ambjent u lil saħħitna.

Dinja Waħda